MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2014

Avviz Numru. 373/2013

**WasteServ Malta Ltd.**

**Vs**

**Brian Construction Ltd.**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart elef, sitt mija u disgha u tletin Euro u wiehed u tmenin centezmu (€10,639.81) liema somma tirrapprezenta bilanc minnha dovuta ghal servizz ta' rimi u depozitu ta' skart u materjal fil-facilitajiet mmexxija mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez u bl-imghax sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li fis-seduta tat-28 t'April, 2014 is-socjeta' konvenuta, ghalkemm debitamenta notifikata, ma dehritx u lanqas ipprezentat risposta.

Rat li fl-istess seduta gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta' konvenuta.

Rat li fis-seduta tal-5 ta' Mejju, 2014, is-socjeta' konvenuta msejha tlett darbiet naqset li tidher, u ghalhekk it-talba tas-socjeta' attrici ghandha titqies bhala mistqarra.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart elef, sitt mija u disgha u tletin Euro u wiehed u tmenin centezmu (€10,639.81) bl-ispejjez u bl-imghax sad-data ta' l-effettiv pagament kontra s-socjeta konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------